**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' April, 2018

Rikors Guramentat numru : 286/11 AL

**A B**
**KI 538071M**
vs
**C B**
**KI 247272M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Marzu 1995 u kienu infirdu legalment permezz ta' kuntratt ta' firda personali ippublikat min-Nutar Clinton Bellizzi fis-26 ta' Frar 2008 (kopja annessa).

2. Illi ftit xhur wara d-data tas-sentenza msemmija, l-partijiet irrikonciljaw u ghamlu perjodu ta' zmien jghixu flimkien bhala mizzewgin.

3. Illi skond il-kuntratt ta' firda personali, id-dar matrimonjali bl-indirizz xxxxxxxx baqghet proprjeta komuni u l-partijiet kienu ftehmu li jbieghu l-istess proprjeta, izda l-partijiet ghadhom ma sabux il-bejgh ta' l-istess fond.

4. Illi inoltre skond l-istess kuntratt ta' firda personali, il-bilanc tas-self moghti mill-HSBC Bank Malt p.l.c. naxxenti minn kuntratt tan-Nutar Isabelle Gonzi tat-30 ta' Mejju 2003 gie assenjat in kwantu ghal nofs indiviz lill-attrici u nofs indiviz lill-konvenut.
5. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.
6. Illi z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament ta' l-istess konvenut.
7. Illi minhabba tibdil fic-cirkostanzi u dejjem fl-ahjar interess tal-minuri jehtieg illi jergghu jigu riveduti u regolati l-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri X C u Y A ahwa B.
8. Illi minkejja li saru tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite l-procedura ta' medjazzjoni, ma intlahaq l-ebda ftehim u l-attrici giet awotirizzata tiftah din il-kawza permezz ta' rikors ad hoc.
9. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.
2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri X C u Y A esklussivament f'idejn l-attrici.
3. Tifissa access ghall-intimat u tordna li l-access jigi ezercitat taht supervizjoni.
4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghall-minuri fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.
5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 *in toto* jew *in parte.*
6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-proprjeta' eżistenti bejn il-kontendenti u tiddikjara illi l-istess prorpjeta' immobbli bl-indirizz xxxxxxx u kompriża fl-istess komunjoni tal-proprjeta' u

għaldaqstant tordna l-bejgħ tal-istess proprjeta’ immobbli xxxxxx, liema bejgħ għandu jsir fis-suq miftuħ fi żmien qasir u perentorju għal-liema skop għandu jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-evenwali kontumacja fuq l-istess att u fin-nuqqas ta’ liema bejgħ, fiż-żmien koncess hekk kif preżenzjalment mitlub, tordna illi l-bejgħ isir b’licitazzjoni, bil-partecipazzjoni wkoll ta’ oblaturi estraneji u tordna illi r-rikavat mill-bejgħ ta’ l-istess proprjeta’ immobbli dedotti l-ispejjeż u d-djun relattivi, jigi diviż bejn il-kontendenti ugwalment.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : (fol 36)

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-kontendenti hasbu ghas-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha prezentement qabel il-prezentata ta’ dan ir-rikors guramentat peress illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni datat hamsa u ghoxrin ta’ Frar tas-sena elfejn u tmienja (25.02.2008) in atti n-Nutar Dr Clinton Bellizzi, il-kontendenti dikjaraw illi :

   *‘sakemm tinbiegh id-dar iz-zewg partijiet ikollhom id-dritt li jirrisjedu fl-istess dar. Madankollu, il-fatt li z-zewg partijiet ikunu qed jirrisjedu fid-dar flimkien m’ghadux jitqies li jindika li sehhet rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-obbligi kollha assunti permezz ta’ dan l-att ghandhom jibqghu vigenti inkluz l-obbligu li r-ragel jhallas manteniment lill-mara ghal minuri’.*

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti umilment jissottometti illi r-rikonciljazzjoni bejn l-istess kontendenti ma kienitx wahda prefezzjonata stante li l-partijiet qatt ma addivjenew ghal kuntratt ta’ rikonciljazzjoni kif mitlub mill-Ligi, ai termini ta’ l-artikoli 64 u 65 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fit-tielet lok huwa risaput illi *pacta sunt servanda* b'mod illi ma huwiex apert lir-rikorrenti li tipprova tirrivedi stipulazzjonjiet kontrattwali minnha assunti u liberament accettati hlief f'kaz illi tali varjazzjoni huwa kontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gja jezisti stat ta' firda personali bejn l-kontendenti in vista tal-kuntratt ta' separazzjoni datat hamsa u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn tmienja (25.02.2008) in atti n-Nutar Dr Clinton Bellizzi, liema kuntratt qatt ma gie revokat;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jaqbel ma l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b'dan pero', b'tortijiet imputabbli lir-rikorrenti stess li hija hatja ta' eccessi, sevizzi, mohqrija u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess esponenti u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u b'tort unikament tar-rikorrenti;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tieni, tielet, raba' u hames talba rikorrenti, l-esponenti jissottometti illi dan kollu gja gie maqbul bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni u ma hemm l-ebda raguni valida il-ghaliex il-klawsoli in kwistjoni fl-istess kuntratt ghandhom jigu varjati. Illi dawn it-talbiet, ossia it-tieni, it-tielet, raba' u hames talba ghandhom jigu michuda in toto;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ghat-talba ghall-hlas ta' manteniment ghar-rikorrenti stess, l-esponenti jissottometti illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrenti kienet iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment ghaliha personalment u apparti minn hekk, ir-rikorrenti ghandha impjieg. Illi fir-rigward ghat-talba ghall-hlas ta' manteniment ghat-tfal minuri, l-esponenti jissottometti illi dan qieghed regolat fil-kuntratt ta' separazzjoni u l-manteniment hemm stipulat dejjem thallas;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta. Illi l-propjeta xxxxx ilu ghal bejgh ghal dviersi xhur u l-esponenti

jaqbel illi din ghandha tinbiegh ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia u d-dokumenti esebiti matul l-istess seduti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Frar 2018, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex it-talba għas-separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Rat illi l-partijiet laħqu ftehim dwar it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ġuramentat u ppreżentaw l-istess ftehim permezz ta' nota konġuntiva bejniethom fis-6 ta' Frar 2018[2];

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Fol. 1123

tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[3]

Il-partijiet infirdu legalment fi Frar 2008, iżda għamlu perjodu ta' żmien fejn irrikonċiljaw u reġgħu ikkoabitaw taħt l-istess saqaf. Dan seħħ sa' Lulju 2010, meta l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali flimkien m'uliedha. Għalkemm il-partjiet ma jaqblux dwar ir-raġunijiet li taw lok għas-separazzjoni tagħhom mill-ġdid, huma jaqblu illi huma ilhom *de facto* mifrudin mis-sena 2010. Wara dik id-data, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. It-talba għad-divorzju ġiet intavolata fis-17 ta' Novembru 2017.

Rigward il-pretensjonijiet ta' manteniment, skond il-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet u cioe dak iddatat is-26 ta' Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, senjatament l-Artikolu 13 *"il-partijiet qed jiddekadu reċiprokament u rrevokabilment mid-dritt ta' manteniment".* Illi l-attriċi, permezz tar-rikors ġuramentat odjern, talbet fir-raba' talba illi l-Qorti tordna lill-konvenut iħallas manteniment għaliha u għal ulied il-partijiet. Fil-mori tal-kawża, kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-manteniment pagabbli lil iben il-partijiet, li għalkemm maġġorenni, kien għadu għaddej bl-istudji tiegħu. Jidher

[3] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

illi dan id-disgwid sal-preżenti ġie ssorvolat, tant hu hekk li kienet l-istess attriċi li talbet illi l-kawża ta' separazzjoni tkun konvertita f'waħda ta' divorzju, mingħajr ma għamlet xi riżerva dwar xi manteniment li għadu m'huwiex imħallas. Inoltre, fil-ftehim milħuq bejn il-partijiet, ma jirriżultax illi l-partijiet ser ikunu qed jirċievu xi manteniment għalihom nnifishom.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn seba' snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi għab-bażi tal-istess ftehim milħuq bejn il-partijiet:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet konjuġi B nhar il-5 ta' Marzu 1995.

[2] Tiddisponi mit-tieni talba billi tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Y A B tibqa' fdata f'idejn iż-żewġ partijiet konġuntivament b'dan illi r-residenza tal-minuri tkun mal-attriċi. Tastjeni milli tagħti provvediment dwar iben il-partijiet X C B in vista li dan huwa llum maġġorenni.

[3] Tiddisponi mit-tielet talba billi tordna illi l-aċċess tal-konvenut għall-minuri Y A jkun liberu bi ftehim bejn il-partijiet u skont ix-xewqat tal-minuri stess. Dan l-aċċess jista' jinkludi *sleepovers* dejjem skond ix-xewqat tal-minuri.

[4] Tilqa' in parte r-raba' talba billi tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u għoxrin ewro (€220) fix-xahar lill-attriċi liema somma tinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, rappreżentanti manteniment għal bint il-partijiet Y A. L-istess manteniment jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq tmintax-il sena. B'dan, illi f'każ illi t-tifla tissokta bl-istudji tagħha wara li tagħlaq l-eta` maġġorenni, il-

manteniment jibqa' jitħallas sakemm it-tifla ttemm l-istudji tagħha jew tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li t-tifla ma tibqax tirrisjedi mal-attriċi, il-konvenut m'għandux jivversa l-manteniment għat-tifla lill-attriċi iżda għandu jivversah direttament lit-tifla. Il-manteniment għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jitħallas f'kont bankarju indikat mill-attriċi jew b'ċekk jew f'kontanti skont kif indikat minn żmien għal żmien bil-miktub.

Rigward il-manteniment mitlub mill-attriċi għaliha nnifisha, stante li l-partijiet ma speċifikaw xejn dwaru fil-ftehim ta' bejniethom, il-Qorti qed iżżomm ferm l-istipulazzjoni tal-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom iddatat is-26 ta' Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, senjatament l-Artikolu 13, fejn huma ddikjaraw illi kienu ddekadew b'mod reċiproku u rrevokabbli mid-dritt li jitolbu u/jew li jirċievu manteniment mingħand xulxin.

[5] Tiddisponi mill-ħames talba tal-attriċi billi tapplika l-effetti tal-Artikolu 48(1)(a) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront taż-żewġ partijiet.

[6] Għal kull buon fini tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B, iżda tastjeni milli tillikwida jew tassenja xi propjeta` li l-partijiet seta' kellhom in komun bejniethom, in vista li dawna ġew diviżi bejniethom fil-mori tal-kawża a pjena sodisfazzjon tagħhom.

[7] Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha ossia "Borg".

[8] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, dawna jibqgħu mingħajr taxxa, bejn il-partijiet.